MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MEDJA**

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) ilha għal xi żmien tinvestiga numru ta' lmenti li saru minn konsumaturi fir-rigward ta' *preferred securities* mibjugħa lil investituri, inkluż *perpetuals* maħruġa minn Lehman Brothers. Dawn it-titoli ta' sigurtà ssemmew fi protest ġudizzjarju li sar fl-14 ta' Settembru 2011 minn numru ta' investituri li allegaw ksur mill-Bank of Valletta plc.

Wara li dawn l-investigazzjonijiet jiġu fi tmiemhom, b'eżitu ċar u speċifiku, l-MFSA toħroġ stqarrija dwar l-istħarriġ u l-konklużjonijiet tagħha. Il-proċess relatat ma' din l-investigazzjoni partikolari issa wasal fi stadju avvanzat. Kif ġara f'investigazzjonijiet oħra, jekk l-Awtorità ssib li persuna li jkollha liċenzja, jew kull persuna oħra, tkun kisret xi dispożizzjoni tal-liġi jew ta' xi regolamenti, hija timponi sanzjonijiet amministrattivi xierqa, u tippubblika dikjarazzjoni f'dan is-sens. Sakemm tixxandar dikjarazzjoni tali, il-proċess kollu huwa suġġett għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**15 ta' Settembru 2011**
**Ref: MFSA MR 08/2011**